MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Numru. 504/2012

***Il-Pulizija***

***(Spettur Stephen Saliba)***

***vs***

***Joseph Refalo***

***Illum 11 ta' Mejju 2012***

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra ***Joseph Refalo*** ta' 40 sena, iben Gaetano u Doris *xebba* Azzopardi, mwieled Pieta' nhar fit-22 ta' Settembru 1971 residenti 51, 'Gesu Redentur', Triq il-Mastrudaxxi, Santa Venera, u detentur tal-karta tal-identita numru 423471M;

1. Talli fid-9 ta' Mejju 2012 ghall-habta tat-3:00pm f'dawn il-Gzejjer, attakka lil PC 783 Brian Bonello persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq l-istess ufficjal ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 783 Brian Bonello skond kif iccertifika Dr. C. Basile Edward MD (Reg No. 3370) mic-Centru tas-Sahha tar-Rabat Malta;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 783 Brian Bonello ufficjal inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjonita' dak iss-servizz;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, bla ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dk li haddiehor ghamel skond il-ligi;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq il-vettura tal-ghamla Jeep bin-numru tar-registrazzjoni GAB-488 kif ukoll fuq nuccali tal-vista ghad-dannu ta' Emanuel Sammut u/jew persuni ohra, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69)

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija banda ohra f'fawn il-Kodici lil Emanuel Sammut, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanz saq vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni **JPY-024**, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont;

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis

tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni **JPY 024**, habat ma' vettura tal-ghamla Jeep bin-numru tar-registrazzjoni **GAB 488** u involontarjament ikkaguna hsara fuq l-istess vettura ghad-dannu ta' Emanuel Portelli u/jew persuni ohra;

10. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni **JPY-024** fi triq pubblika meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

11. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu;

12. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kwiet u l-buon ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

13. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti w oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali , l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;

Il-Qorti hija mitluba li tiskwalifika lil Joseph Refalo milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidrilha xieraq;

Rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-imputat;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat;

Semghet lill-partijiet jitrattaw dwar il-piena;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tikkonferma li l-imputat ikopera bis-shih maghhom;

Rat l-Artikolu 28 (a) tal-Kap 9;

In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ghalhekk issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-terminu ta' prigunerija ta' disgha (9) xhur, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija ghal zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti qeghda wkoll a tenur ta' l-Artikolu 15 tal-Kap 65, tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal zmien sitt (6) xhur millum.

L-imputat obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghall-hsarat ikkawzati lil Emanuel Sammut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------